MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru 10/2005

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Ivan Cauchi**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-28 ta’ April 2005 kontra Ivan Cauchi li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-

hajja taghha f'periklu car (Elizabeth Cauchi), ikkagunalha l-mewt; u (2) ikkommetta serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (theddid bil-fomm ta' omicidju, sekwestru tal-persuna, offiza fuq il-persuna ta' eta` ta' aktar minn hamsa u sittin sena, hsara fil-proprjeta` u omicidju volontarju), bil-mezz (ksur ta' gewwa jew ta' barra jew bi skalata, cioe` billi b'xi mod wiehed jixxabbat biex jitla' jew jinzel, jew ksur ta' mezzi bhal dawn li qeghdin sabiex ma jhallux id-dhul f'dar jew f'lok iehor jew f'recint), bil-valur u bil-persuna (meta jsir mill-mistieden fid-dar fejn ikun milqugh bhala mistieden);

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-3 ta' Lulju 2007 li permezz taghha, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih, fir-rigward ta' l-Ewwel Kap, iddikjaraw li, in vista tad-decizjoni u l-verdett tat-Tieni Kap, kienu qed jastjenu milli jaghtu verdett fuq l-Ewwel Kap, kif gew diretti mill-ewwel Qorti, u fir-rigward tat-Tieni Kap bi tmien (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra, sabu lill-imsemmi Ivan Cauchi hati bhala komplici skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, izda minghajr il-kwalifika tal-vjolenza konsistenti f'theddid bil-fomm ta' omicidju, offiza fuq il-persuna ta' eta` ta' aktar minn hamsa u sittin sena, hsara fil-proprjeta` u omicidju volontarju u minghajr il-kwalifika tal-mezz u minghajr il-kwalifika tal-persuna (meta jsir mill-mistieden fid-dar fejn ikun milqugh bhala mistieden), imma bil-kwalifika tal-lok imsemmija fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u bil-kwalifika tal-vjolenza konsistenti f'offiza gravi fuq il-persuna ta' Elizabeth Cauchi li biha grat il-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenza naturali ta' l-offiza, u mhux ghal xi kawza accidentali li tinqala' wara, u dan fi zmien erbghin gurnata mill-ahhar nofs-il lejl ta' qabel id-delitt u bil-kwalifiki l-ohra kollha imsemmija fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza li mhux hawn fuq eskluzi, b'dana li l-valur tal-oggetti misruqa kien jeccedi l-elf lira Maltin, il-Qorti astjeniet milli tippronunzja ruhha fuq l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza in vista tal-verdett tal-gurati fuq it-Tieni Kap u fl-istess waqt iddikjarat lill-istess Ivan Cauchi hati talli fix-Xewkija, Ghawdex, matul il-lejl tal-24/25 ta' Frar, 2004, kien hati ta' komplicita` f'serq skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza bil-kwalifiki tal-vjolenza konsistenti f'offiza ta'

natura gravi fuq il-persuna ta' Elizabeth Cauchi li biha grat il-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenza naturali tal-offiza u mhux ghal xi kawza accidentali u dana fi zmien erbghin gurnata mill-ahhar nofs-il lejl ta' qabel id-delitt, kif ukoll bil-kwalifiki l-ohra ta' sekwestru tal-persuna, tal-lok u tal-valur tal-oggetti misruqa, b'dana li l-valur taghhom kien jeccedi elf lira Maltin, izda minghajr il-kwalifiki l-ohra msemmija fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe` dawk ta' vjolenza konsistenti f'theddid bil-fomm ta' omicidju, offiza fuq il-persuna ta' eta` ta' aktar minn hamsa u sittin sena, hsara fil-proprjeta` u omicidju volontarju kif ukoll minghajr il-kwalifika tal-mezz u minghajr il-kwalifika tal-persuna;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 42, 43, 45 u 46 u l-artikoli 214, 215, 216, 218, 220, 261, 262, 267, 269, 272, 274, 275, 279, 280 u 533 tal-Kodici Kriminali ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' **ghoxrin sena prigunerija** li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan ir-reat u kkundannatu wkoll **ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija u tnax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm 2512.14c) import tal-ispejjez peritali inkorsi f'din il-kawza, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, li jekk ma jithallsux fi zmien moghti mill-ligi jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija iehor skond il-ligi**;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni u kkunsidrat is-segwenti:

"Qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-abbli difensur li jinsabu kollha registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti w cioe`:-
1. li ghandu jitnaqqas minn kull terminu ta' prigunerija erogabbli iz-zmien li l-hati ghamel taht 'house arrest';
2. illi la darba l-ligi ma kinitx tipprovdi ghal piena specifika fil-kaz ta' serq kwalifikat b'offiza gravi segwita bil-mewt, kif taghmel fl-artikoli 272, 273 u 274 tal-Kodici Kriminali rispettivament ghall-kazijiet fejn ir-reat tas-serq

ikun akkumpanjat minn omicidju volontarju, tentattiv ta' omicidju volontarju w offizi fuq il-persuna dana allura hu kaz ta' 'nullum crimen sine poena' w ghalhekk setghu japplikaw biss il-pieni kontemplati fl-artikolu 274 u senjatament dik stabbilita fis-subartikolu (a) ta' dan l-artikolu w cioe` dik ta' prigunerija ghal zmien minn erba' snin sa tnax-il sena;

3. illi l-hati llum sar 'human wreck' u qieghed taht il-kura medika bhala rizultat ta' dak li ghadda minnu;

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara w cioe`:-

1. li f'dan il-kaz la darba l-gurati kif gew diretti korrettement mill-Qorti, kienu astjenew milli jaghtu verdett dwar l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza in vista tad-decizjoni taghhom fil-verdett dwar it-Tieni Kap fejn iddikjaraw espressament li s-serq kien akkumpanjat minn offiza gravi fuq il-persuna li kkagunat il-mewt, ghandha tapplika l-piena kontemplata ghal dan ir-reat kontenuta fl-artikolu 220(1)(a) tal-Kodici Kriminali fejn il-piena hija dik ta' minn sitt snin sa ghoxrin sena prigunerija;

2. illi bid-dikjarazzjoni taghhom il-gurati kienu sabu lil Ivan Cauchi hati ta' dan ir-reat indipendenti w awtonomu kontemplat fl-artikolu 220(1) u ghalhekk ma kienx mehtieg li l-gurati jaghtu verdett fl-istess sens taht l-Ewwel Kap imma dan ma kienx ifisser li dan ir-reat aktar gravi ghandu b'daqshekk ma jigix punit;

3. illi dan mhux kaz ta' 'nullum crimen sine poena' ghaliex l-artikolu 220(1)(a) kien propju jipprovdi l-piena fuq imsemmija w din ghalhekk kienet kjarament applikabbli f'dan il-kaz.

"Ikkonsidrat

"Illi dwar il-piena applikabbli f'dan il-kaz, il-Qorti tirrileva li kienet l-istess difiza li f'wahda mil-linji difensjonali taghha, issottomettiet li jekk ma jirrizultax l-aggravanti tal-vjolenza konsistenti f'omicidju volontarju, seta' jkun hemm l-aggravanti tal-offiza gravi segwita bil-mewt u dana meta l-istess Qorti gibdet l-attenzjoni tal-istess difiza dak il-hin

stess, li setghet tqum xi problema minhabba dak li intqal hawn fuq;

“Cio` nonostante, id-difiza ippersistiet fuq din il-linja difenzjonali u kisbet verdett f’dan is-sens a benefficju tal-hati minflok verdett ta’ serq kwalifikat b’omicidju volontarju;

“Illi ghalkemm huwa minnu illi f’dan il-kaz, kuntrarjament ghal dak li ntqal fl-artikoli 272, 273 u 274, il-ligi ma tispecifikax piena ghar-reat ta’ serq kwalifikat b’offiza gravi li ggib il-mewt, in vista tad-dikjarazzjoni tal-gurati li kien hemm htija ta’ komplicita` ta’ din l-offiza fit-Tieni Kap imma li ghalhekk, kif qablu l-istess partijiet, f’kaz ta’ dikjarazzjoni simili, il-gurati kellhom jastjenu milli jippronunzjaw ruhhom fl-istess sens fil-kaz tal-Ewwel Kap u cioe` li minflok htija ta’ omicidju volontarju jergghu jiddikjaraw li qed isibu htija ta’ offiza gravi segwita bil-mewt, jidher illi s-sottomissjoni tad-difiza tkun wahda opportunistika ghall-ahhar, li wara li hi stess tidderigi lill-gurati b’success biex isibu htija mhux tal-kwalifika ta’ omicidju volontarju ghar-reat ta’ serq imma tal-kwalifika tal-offiza gravi segwita bil-mewt u meta d-difiza stess qablet li f’kaz ta’ xi pronunzjament simili dwar it-Tieni Kap, il-gurati ghandhom jastjenu milli jaghmlu pronunzjament simili fil-kaz tal-Ewwel Kap, din il-Qorti tqis illi din il-lakuna fil-ligi hija biss wahda apparenti ghaliex ladarba fost il-kwalifiki tas-serq il-gurati sabu li gie kommess ir-reat ta’ offiza fuq il-persuna li gab il-mewt ta’ Lisa Cauchi, ghandha tapplika l-piena ghal dan ir-reat l-aktar serju;

“Illi ghar-rigward tas-sottomissjoni tad-difiza dwar li l-perjodu li fih il-hati kien qed jinzamm god-dar tieghu taht dak li popolarment qed jissejjah ‘house arrest’ ghandu jinqata’ minn kull prigunerija erogabbli, jibda biex jigi precizat li l-ligi taghna ma tipprovdi ghal ebda provvediment ta’ ‘house arrest’ ‘*ut sic*’ Izda huwa possibbli li fost il-kundizzjonijiet li tahthom tinghata l-liberta` provvizorja mill-Qrati, il-Qrati jorbtu lill-akkuzat li ma johrogx minn daru jew b’mod assolut jew hlief f’certi hinijiet;

“Illi tali kondizzjoni fejn l-akkuzat ikun qed jghix fil-kumdita` ta’ daru u mal-familjari tieghu qatt ma tista’ tigi ekwiparata ma permanenza fil-habs;

“Jigi osservat ukoll li l-artikolu 22 tal-Kap. 9 jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenza ta’ prigunerija ta’ ‘kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta’ htija w il-kundanna li tulu l-ikkundannat **ikun inzamm fil-habs** ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom hu jkun qed jigi misjub hati jew kundannat’. Ghalhekk it-tnaqqis mandatorju imsemmi fl-artikolu 22 tal-Kap. 9 japplika biss meta l-persuna kkundannata tkun inzammet fil-habs u mhux meta tkun qaghdet god-dar taghha. (ara f’dan is-sens App. Krim. Inferjuri **‘Il-Pulizija vs Johan Sultana u Mark Dimech’** [26.01.2007] u **‘Ir-Repubblika ta’ Malta vs Dr. Patrick Vella LL.D’** [13.03.2007]);

“Fl-ahharnett il-fatt illi l-hati wara illi gie investigat mill-Pulizija qabditu ‘depression’ u anzjeta` u ghadu jsofri minnha sallum, fil-fehma ta’ din il-Qorti m’ghandhiex tkun ta’ attenwanti ghaliex, kif gie ritenut minn din il-Qorti preseduta mill-Prim Imhallef Dr. V. Degaetano LL.D ‘ma hix haga insolita li persuna li kontriha jkun hemm …….. proceduri penali jkollha *a reactive depression related to his present situation*’ (ara digriet **‘Il-Pulizija vs Alfred Bugeja’** [10.08.2006]). F’dan il-kaz din ir-‘reactive depression’ giet fuq l-akkuzat meta induna li hu gie zmaskerat mill-awtoritajiet u identifikat bhala ‘prime suspect’ tar-reat li issa tieghu instab hati;

“Wara li qieset dan kollu, u li per konsegwenza ta’ din is-serqa tilfet hajjitha Lisa Cauchi b’mod mill-aktar kiefer u brutali tqis li hemm lok li l-piena tkun tirrifletti pjenament il-gravita` tal-kaz.”

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Ivan Cauchi pprezentat fis-17 ta’ Lulju 2007 fejn talab li din il-Qorti thassar il-verdett ta’ htija kif milhuq mill-gurati u s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali u tissostitwihom b’verdett u b’sentenza ohra fejn filwaqt li tigi kkonfermata l-astensjoni tal-gurati milli jiddeciedu fuq l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza kif diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri,

tissostitwixxi l-verdett tal-gurati b'verdett ta' htija milhuq mill-istess gurati imma limitatament ghas-sejbien ta' htija fl-appellant bhala komplici fid-delitt ta' serq aggravat biss bil-post u konsegwentement tissostitwixxi s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali f'dan is-sens u thassarha fil-kumplament, inkluz fil-parti dwar il-piena u fil-parti dwar il-kundanna ghall-ispejjez, u minflok tissostitwixxi l-piena nflitta fuqu b'piena ohra izghar li tkun skond il-ligi u li tkun aktar taghmel ghall-kaz u kif ukoll li tissostitwixxi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' Lm2512.14 b'ammont izghar li jkun jaghmel aktar ghall-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant huma, bazikament, is-segwenti: (1) filwaqt illi l-gurati kellhom elementi bizzejjed fil-grad li tesigi l-ligi biex isibuh hati ta' komplicita` f'serq aggravat bil-lok, huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti ghax il-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed fil-grad li tesigi l-ligi biex dawn setghu jsibu htija fih dwar l-aggravanti tas-sekwestru tal-persuna, dwar l-aggravanti tal-vjolenza konsistenti f'offiza gravi fuq il-persuna ta' Elizabeth Cauchi li biha grat il-mewt minhabba biss fin-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiza u mhux minhabba xi haga accidentali li nqalghet wara u dan fi zmien erbghin gurnata mill-ahhar nofs-il lejl ta' qabel id-delitt, u dwar l-aggravanti tal-valur; (2) il-piena ta' ghoxrin sena prigunerija nflitta fuqu hi aktar mill-piena li tistabilixxi l-ligi anke ghall-htija kif dikjarata mill-gurati, u fi kwalsiasi kaz din hi wahda eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz; (3) l-ammont ta' Lm2512.14 li huwa gie kkundannat ihallas bhala spejjez peritali hu wiehed eccessiv.

**7.** L-appellant jghid hekk dwar l-ewwel aggravju:

“Illi bil-mod li l-esponent gie misjub hati, u cioe` ta’ komplicita` fid-delitt ta’ serq, sabiex l-esponent seta’ jigi misjub hati tal-aggravanti tas-sekwestru tal-persuna, il-gurati, a tenur tal-art. 45 tal-Kodici Kriminali, riedu jkunu moralment konvinti fuq il-provi illi:

(a) jew li l-esponent kien hu stess li fizikament ikkommetta s-sekwestru tal-persuna jew almenu hu kien fizikament kompartecipi f’dan l-att;
(b) jew li l-esponent kien jaf li ser isir sekwestru tal-persuna minn qabel ma sar is-sekwestru;
(c) jew inkella li l-esponent, ghad li kien jaf bl-att tas-sekwestru filwaqt li dan kien qed isir, u ghad li seta’ jimpedih, hallieh isir.

“Illi l-provi ma jwasslux ghal konvinciment morali li ssuccediet xi wahda minn dawn it-tliet (3) ipotezijiet li tipprospetta l-ligi biex l-esponent seta’ jinstab hati ta’ dan l-aggravanti. M’hemm l-ebda prova li l-esponent ikkommetta s-sekwestru tal-persuna hu stess jew li kien fizikament kompartecipi fih, m’hemm l-ebda prova li l-esponent kien jaf minn qabel li kien ser jigi mwettaq sekwestru tal-persuna u m’hemm l-ebda prova li ghalkemm l-esponent kien jaf li qed isir sekwestru tal-persuna dan seta’ jimpedih. Il-prova dwar dan hi fuq spallejn il-prosekuzzjoni li obbligata tipprova almenu wahda mit-tliet ipotezijiet minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni ghax l-akkuzat mhu tenut jipprova xejn.

“Illi wkoll stante li l-esponent gie misjub hati ta’ komplicita` fid-delitt ta’ serq, sabiex l-esponent seta’ jigi misjub hati tal-aggravanti tal-vjolenza konsistenti f’offiza gravi fuq il-persuna ta’ Elizabeth Cauchi li biha grat il-mewt minhabba biss fin-natura jew il-konsegwenzi naturali ta’ l-offiza u mhux minhabba f’xi haga accidentali li nqalghet wara u dan fi zmien erbghin gurnata, ried li fl-ewwel lok jigi ppruvat minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni illi min ikkommetta l-att fiziku li wassal ghal ksur tal-kustilji ta’ Elizabeth Cauchi kellu almenu l-intenzjoni generika li ried jikkagunalha hsara fil-persuna taghha u mhux li biss jorbotha; u fit-tieni lok, a tenur tal-art. 45 tal-Kodici Kriminali, il-gurati riedu jkunu moralment konvinti fuq il-

provi illi jew (a) li l-esponent, waqt li kellu almenu l-intenzjoni generika li jikkaguna hsara fil-gisem ta' Cauchi kien il-persuna li fizikament ikkaguna l-hsara fuq il-persuna ta' Elizabeth Cauchi jew li kien fizikament kompartecipi f'dan l-att; jew (b) li l-esponent kien jaf minn qabel li ser isir minn komplici iehor fid-delitt tas-serq att akkumpanjat almenu mill-intenzjoni generika biex tigi kkagunata hsara fil-persuna ta' Cauchi u dan minn qabel ma sar l-att; jew inkella (c) li l-esponent, ghad li kien jaf bl-att li kien akkumpanjat almenu bl-intenzjoni generika biex issir hsara fuq il-persuna ta' Cauchi filwaqt li kien qed isir dan l-att, u ghad li seta' jimpedih, hallieh isir.

"Illi fl-umli fehma tal-esponent, fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni li dak li ghamel l-att fiziku li wassal ghal mewt ta' Cauchi (il-ksur tal-kustilji ta' Cauchi billi qaghad b'irkubbtejh fuq sider Cauchi) kellu xi intenzjoni li jikkaguna xi hsara fil-gisem tal-persuna ta' Elizabeth Cauchi. Hu probabbli li kien dan l-att li probabbilment wassal ghal mewt ta' Cauchi kif jirrizulta minn dak li xehdu l-esperti. L-intenzjoni li kellu dan kien li jorbot lil Cauchi u mhux li jikkagunalha xi hsara f'gisimha. Fl-aghar ipotesi ghall-persuna li wettqet dan l-att fiziku dak li wisq probabbli gara kien illi dak li wettaq dan l-att fiziku ma pprevediex dawk il-konsegwenzi li kienu prevedibbli. Dan jammonta ghal negligenza izda mhux ghal *dolo*.

"Illi fit-tieni lok, anke li kieku kellu jigi sostnut li l-gurati kellhom provi bizzejjed fuq xhiex joqoghdu biex setghu jaslu ghal konkluzjoni minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni li l-persuna li qaghdet b'irkubbtejha fuq sider Cauchi kellha l-intenzjoni li jikkagunalha hsara f'gisimha, certament li l-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex setghu jaslu ghal konkluzjoni minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni li gie lilhom ippruvat sal-grad li trid il-ligi li dawn kellhom elementi bizzejjed biex jaslu ghal konkluzjoni li gie lilhom ippruvat li kienu jirrikorru xi wahda mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-art. 45 tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt m'hemm l-ebda prova li l-esponent, almenu b'intenzjoni generika, ikkommetta xi hsara fuq il-persuna ta' Elizabeth Cauchi jew li kien kompartecipi fl-att fiziku li

minhabba fih irrizultat il-hsara fuq il-persuna ta’ Elizabeth Cauchi; m’hemm l-ebda prova li kien hemm xi ftehim li kellha ssir hsara fuq il-persuna ta’ Cauchi; u m’hemm l-ebda prova li ghalkemm l-esponent seta’ kien jaf li haddiehor kien qed b’irkubbtejh fuq sider Elizabeth Cauchi li dan kien qed jaghmel dan l-att almenu b’intenzjoni generika li jikkaguna xi hsara fuq il-persuna ta’ Cauchi u/jew xi prova li l-esponent seta’ jimpedixxi dak l-att. Il-prova dwar dan kollu qeghda fuq spallejn il-prosekuzzjoni ghax l-akkuzat mhu tenut jipprova xejn.

“Illi dwar l-aggravanti tal-ammont tezisti l-prova li meta Cauchi giet mitluba tghid fejn kienu l-flus mir-risposta taghha kienet li flus ma kellhiex. Hemm prova li wara li gie kommess id-delitt tas-serq fid-dar instab xi deheb mill-espert tal-Qorti. Hemm prova li fost id-deheb li nstab mill-esperti tal-Qorti wara d-delitt ma kienx hemm xi deheb li kellha Cauchi matul iz-zmien. Imma bil-fatt li wara d-delitt ma nstabx xi deheb li seta’ kellha Cauchi u flus fid-dar ta’ Cauchi la jfisser li filwaqt il-hin tad-delitt fid-dar ta’ Cauchi kien hemm xi deheb iehor jew flus li nsterqu u lanqas ma jfisser li fid-dar ta’ Cauchi m’ghadx hemm xi deheb u flus li Cauchi seta’ kellha izda li [ma] nstabux mill-esperti tal-Qorti.

“Illi tezisti prova illi z-zewg delinkwenti l-ohra (mhux l-akkuzat) hargu mill-post b’zewg basktijiet kull wiehed u li choker li l-mejta kellha m’ghonqha filwaqt tas-serq sparixxa. L-ewwelnett ghandu jinghad illi z-zewg delinkwenti kellhom maskra kull wiehed u li l-ebda wahda minnhom ma nstabet fid-dar ta’ Cauchi. Hu probabbli li dawk ili kellhom il-maskra nehhewha qabel ma hargu mid-dar. Ix-xhud Bernardette Grima ma ssemmi l-ebda maskra li setghu kienu lebsin dawk it-tnejn li rat sejrin jigru. Kull ma rat kienu zewg basktijiet f’idejn kull wiehed minn dawk it-tnejn u li wiehed minnhom kellu xaghru abjad. Imma kemm kienu kbar il-basktijiet ma qalitx.

“Illi minn dan kollu wiehed jasal ghal konkluzjoni illi l-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex jaslu [ghal] konkluzjoni sal-grad li tesigi l-ligi li kien jirrizulta l-aggravanti tal-valur ta’ aktar minn Lm1000.”

**8.** Mela l-appellant qieghed jammetti li kien komplici fir-reat ta' serq kwalifikat bil-lok izda qieghed jikkontesta l-kwalifiki l-ohra li dwarhom instab hati, u cioe` ta' sekwestru tal-persuna, ta' vjolenza u ta' mezz. L-ilmenti ta' l-appellant fir-rigward ta' l-ewwel aggravju b'hekk jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha.

**9.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet tax-xiehda u d-dokumenti esibiti, ezaminat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni, semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda li ta l-appellant quddiem l-ewwel Qorti (tmien *cassettes*) u hasbet u ddeliberat fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**10.** Jigi l-ewwelnett osservat illi, kwantu ghall-kwalifika ta' sekwestru tal-persuna u dik ta' vjolenza, l-ilmenti ta' l-appellant fl-appell huma bazati fuq dak li jipprovdi l-artikolu 45 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -**
**(*a*) lill-persuna li taghmel l-att;**
**(*b*) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u**
**(*c*) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir."**

**11.** Mill-ezami li din il-Qorti ghamlet ta' l-atti jirrizulta li l-appellant biddel il-verzjoni tieghu diversi drabi. Cahad li kien involut, qal li dahal fir-residenza ta' Elizabeth Cauchi ma' certu Michael "il-Kuzzu" u certu Wenzu "in-Newza", imbaghad qal li dahal ma' certu Toni "il-Pasura" u kugin tieghu certu Ganni Bugeja. Qal ukoll li kien dahal wahdu. Fl-ahharnett meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li l-

persuni li dahlu mieghu ma kien hadd minn dawk li kien semma qabel u kienu tnejn ohra li ma xtaqx u ma riedx jikxef min huma u li saru “tal-kukkudrill” u “tax-xadina” peress illi allegatament kienu lebsin maskri tal-karnival, wiehed maskra ta’ kukkudrill u l-iehor maskra ta’ xadina.

**12.** Mill-verdett li nghata mill-gurati huwa evidenti li huma ma emmnux li l-appellant kien dahal wahdu fir-residenza taz-zija tieghu. Effettivament ix-xhud Bernardette Grima pprovdiet prova cirkostanzjali li kien hemm aktar minn persuna wahda nvoluta. Bernardette Grima, li toqghod bieb ma’ bieb mar-residenza ta’ Elizabeth Cauchi xehdet illi hija dahlet id-dar ftit qabel nofs-il lejl. Kif dahlet xeghlet id-dawl u marret biex taghlaq il-bieb tal-entrata. Dak il-hin semghet tisbita ta’ bieb fil-vicin, hafna passi fuq il-bankina qisu xi hadd jigri, ittawlet minn wara l-hasira u rat tnejn min-nies, sa fejn taf hi rgiel, jigru b’zewg basktijiet kull wiehed f’idejhom. L-appellant stess xehed illi huwa hareg qabel iz-zewg persuni l-ohra u li meta dawn hargu huma hargu b’zewg basktijiet kull wiehed mimlijin refurtiva. Marie Gwann Xuereb, habiba ta’ Elizabeth Cauchi, li toqghod ftit ‘il boghod minn Elizabeth Cauchi fl-istess triq, xehdet illi dakinhar tal-kaz kienu hargu flimkien, imbaghad Cauchi waqfet ghandha sa xil-10.45. L-appellant jghid li dahlu fuq Cauchi meta din kienet qed tiftah il-bieb tad-dar taghha peress illi kienu qeghdin jistennewha faccata mohbijin wara xi rombli tal-*cables*. Ghalkemm l-appellant jghid li damu fir-residenza ta’ Cauchi xi nofs siegha, mill-mod kif xehed dwar il-hinijiet huwa evidenti illi l-hinijiet li beda jaghti kienu approssimattivi. Ghalhekk il-gurati setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu li l-persuni li rat Bernardette Grima kienu tnejn mir-*rei* u li konsegwentement l-appellant ma kienx wahdu li dahal fir-residenza taz-zija tieghu biex jisraqha. Dak li jrid jigi determinat fl-ewwel lok huwa jekk il-gurati setghux legalment u ragjonevolment jikkonkludu illi l-kwalifiki ta’ sekwestru tal-persuna u ta’ vjolenza kif inghad, u li huma kwalifiki li jaghmlu r-reat ta’ serq aktar gravi, humiex imputabbli lilu wkoll.

**13.** Issa, l-appellant ta verzjonijiet konfliggenti mhux biss dwar jekk kienx hemm persuni ohra involuti u dwar min

kienu dawn il-persuni, izda anke dwar diversi fatti ohra, inkluz partikolarment is-sehem tieghu fil-kwistjoni kollha. Din il-Qorti sejra ssemmi uhud biss minn dawn il-verzjonijiet li ma jinkludux dik il-verzjoni fejn qal li ghamel kollox hu wahdu.

**14.** Kif diga` gie osservat iz-zewg persuni li jghid li dahlu mieghu saru "tal-kukkudrill" u "tax-xadina". Relattivament ghall-istqarrijiet tieghu fejn involva lil certu Toni "il-Pasura" u l-kugin tieghu Ganni Bugeja, meta kien qieghed jixhed quddiem l-ewwel Qorti indika li kull fejn qieghed jirreferi ghal Toni "il-Pasura" dak irid jiftiehem bhala "tal-kukkudrill" u fejn hemm riferenza ghal Ganni Bugeja dik ghandha tiftiehem bhala riferenza ghal "tax-xadina". Pero` fil-hegga li kellu biex jiskolpa lil dawn iz-zewg persuni wkoll, ma ndunax li f'numru ta' istanzi waqt ix-xiehda tieghu beda jaqlibhom, u cioe` billi jirreferi ghal Toni bhala "tax-xadina" u ghal Ganni bhala "tal-kukkudrill".

**15.** L-appellant meta xehed l-ewwel insista li mill-bicca xoghol kellu jiehu biss Lm500 (kuntrarjament ghal dak li qal fl-istqarrija tieghu tat-8 ta' Marzu 2004 fejn qal li kellhom jaqsmu kollox indaqs) izda mbaghad xehed li kellhom jaqsmu kollox.

L-appellant filli jghid illi Elizabeth Cauchi ntrabtet b'cinga tal-plastik minn dawk li jorbtu l-*wires* bihom (*cable tie*) u filli jghid li cinga ossia cinturin bil-bokkla; filli jghid li l-kulur kien kannella jew lewn it-te bil-halib u filli li abjad.

Dwar min rabat lil Elizabeth Cauchi, l-appellant wahhal f'haddiehor (hlief fl-interrogatorju tal-15 ta' Awissu 2004). Pero` s-Supretendent Pierre Calleja xehed illi meta l-appellant gie arrestat l-ewwel darba fis-6 ta' Marzu 2004, huwa kien saqsa lill-appellant jekk il-mejta kinitx intrabtet b'xi haga u l-appellant spontanjament qallu "Iva, b'wahda minn dawk ic-cineg, ic-cinturini anzi li jorbtu, daqqa juzawhom fir-raba, daqqa ghal xi *wire*". U s-Supretendent Calleja, biex jurieh jekk kien qed jirreferi ghal dak li kien qed jifhem hu, kellu wahda fl-ufficcju ta' kulur iswed, kemm kemm imdaqqsa u saqsa lill-appellant jekk kinitx bhal dik, u l-appellant qallu li kienet l-istess haga, pero` ta'

lewn abjad u kemm kemm icken minn dik li kien qieghed jurieh is-Supretendent. Skond is-Supretendent, l-appellant qallu li kien dahhalhom hu z-zewg *cable ties*, b'wahda kienet intrabtet il-mejta u l-ohra kien insiha imdendla x'imkien fir-residenza taghha. Fil-fatt il-Pulizija sabu wahda mdendla ma' gradenza – ara ritratti 04ANJ102 u 04ANJ103 fil-faxxikolu fotografiku Dok PG. Jigifieri hawn intwera li l-appellant kien a konoxxenza tal-fatt li ngab xi haga sabiex tintrabat iz-zija tieghu.

Dwar x'sar mic-cinga li biha ntrabtet Cauchi qabel ma hargu mill-post, jghid li ma jafx min qataghlha l-irbit, imbaghad ighid li kien "tal-kukkudrill" li qatghu  u li dan pogga c-cinga fil-but. Izda mbaghad jghid li ma rahx x'ghamel biha. Inizjalment l-appellant kien qal lill-Pulizija li kien rema l-*cable tie* li biha kienet intrabtet iz-zija tieghu go ghalqa u kien anke ha lill-Pulizija fuq il-post izda din ma nstabitx.

Dwar *choker* li Cauchi kellha ma' ghonqha, l-ewwel jghid li ma rahx u ma jaf xejn, imbaghad li rah f'ghonqha, imbaghad sahansitra li ra lil "tal-kukkudrill" jitfghu go baskett. Dwar dan ic-*choker* l-appellant kien sahansitra qal lill-Pulizija li kien hadu hu u indika fejn kien hbieh izda fil-fatt ma kienx instab.

Dwar min pogga l-*cushion* taht ras iz-zija, filli jsemmi lil "tax-xadina" u filli "tal-kukkudrill".

**16.** Dak li jidher car ghal din il-Qorti mill-istqarrijiet tieghu u mix-xiehda li ta quddiem l-ewwel Qorti huwa li l-appellant ipprova jiddistanzja ruhu kemm mis-serq innifsu kif ukoll mill-vjolenza li ntuzat fuq Elizabeth Cauchi. L-appellant fil-fatt l-ewwel insista li hu ma ghamel xejn u kultant ittawwal biss, imbaghad li kien qieghed idur izda fl-ahhar qal li ghamel xi nofs siegha jfittex isfel ghall-flus. Jigifieri s-sehem ta' l-appellant jidher li kien wisq aktar milli pprova jaghti x'jifhem. Ma tistax ma tosservax ukoll din il-Qorti illi ghal dak li jirrigwarda l-interrogatorju tal-15 ta' Awissu 2004 meta kien qieghed jallega li kien wahdu, jidher li insinwa li qal dak li qal ghax ma nghatax il-pilloli minn mindu gie arrestat fil-gurnata ta' qabel. Meta konfrontat

bid-Dok. PC2 a fol. 898, pero`, ikkonferma li kien inghata tali pilloli. Mistoqsi ghalfejn kien qal li ma kienx inghata l-pilloli, wiegeb “Ma nafx.”

**17.** Waqt il-kontro-ezami johrog aktar car is-sehem tieghu. Ghalhekk il-Qorti sejra tirreferi ghal numru ta’ brani waqt il-kontro-ezami ta’ l-appellant:

**“Pros: Biex tisraqha ddecidejt?**
**Xhud: Iva.**
**….**
**Pros:U ghaliex iddecidejt li tisraqha?**
**Xhud. Ghall-flus.**
**….**
**Pros:Kemm domt tahseb fuqha dil-bicca xoghol biex tisraqha?**
**Xhud: Hmistax?**
**….**
**Pros:Ara nghidx sew li inti mort iltqajt ma’ zewgt ihbieb tieghek fuq dil-bicca xoghol?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:U ghidtilhom li ghandha hafna flus?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:U ghidtilhom ‘Immorru nisirquha’?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:Mela l-ideja tieghek kienet hu?**
**Xhud: Iva. Iva.**
**….**
**Pros:Nahseb int ghidtilhom bir-rombli, hu, ‘noqoghdu wara r-rombli’?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:Ghax int kont tafu sew il-post hemmhekk hu?**
**Xhud: Iva.**
**….**
**Pros:Sadattant dawn qaghdu jistennewk allura?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:Minghajrek ma kienu jaghmlu xejn, hu?**
**Xhud: Le.**
**….**
**Pros:Pero` qabel ma tasal int ma kellu jsir xejn?**
**Xhud: Le.**
**Pros:Jigifieri kellhom bzonnok lilek?**

**Xhud: Iva.**
**Pros:Ghaliex kellhom bzonnok?**
**Xhud: Biex jidhlu ghaz-zija Liza.**
**….**
**Pros:Iz-zija Liza kienet tiftah lil kulhadd jew lil min taf kienet tiftah?**
**Xhud: Mhux lil min taf?**
**Pros:Lil min taf kienet tiftah hu?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:Issa lilek setghet tgharfek kif kont liebes?**
**Xhud: Iva.**
**….**
**Pros:Jigifieri nghid sew li z-zija gharfitek, hu?**
**Xhud: Le lili ma gharfitnix.**
**Pros:M'gharfitekx lilek?**
**Xhud: Le.**
**Pros:Int kellek wiccek mikxuf hu?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:U m'gharfitekx iz-zija.**
**Xhud: Jien kont go l-intrata.**
**….**
**Pros:Allura meta z-zija bdiet tghid 'Gharaftkom Gharaftkom' ghal min kienet qed tghid, ghal dawk li kellhom wicchom mghotti?**
**Xhud: Ma nafx.**
**Pros:Ara kinitx qed tirreferi ghalik ukoll?**
**Xhud: Jista' jkun.**
**Pros:Ara nghidx li int kont il-percimes ta' din l-istorja. Li kont int li ghidtilhom 'immorru nisirquha'.**
**Xhud: Iva jien….**
**Pros: Li kont int li kellek wiccek mikxuf. Li kont int li z-zija gharfitek.**
**EBDA TWEGIBA.**
**….**
**Pros:B'sahhitha kienet iz-zija?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:Dakinhar bdiet titqabad u tiggieled?**
**Xhud: Damet ftit.**
**….**
**Pros:U kemm zammejtuha, zewgt irgiel?**
**Xhud: Tnejn zammewha.**
**Pros:U int ma kontx wiehed minnhom?**

**Xhud: Le.**
**….**
**Pros:Kien hemm bzonn li jkun hemm zewgt irgiel izommuha liz-zija?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:Mhux ghalhekk hu ghidtilhom jigu mieghek int? Biex ikollok ir-rinforz?**
**Xhud: Ma nafx.**
**Pros:Kien utli, hu, li jkollok tnejn min-nies ohra mieghek? Kien hemm bzonn qisu, hu?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:Mela int ftehmt maghhom ghalhekk ukoll, hu?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:U z-zija bdiet tipprova tiggieled, hu, izzomm, taharbilhom, mhux hekk?**
**Xhud: Iva.**
**Pros:U kont taf li jridu jzommuha, jorbtuha?**
**Pros:Iva.**
**Xhud: U kont taf li jtuha daqqiet hu?**
**Pros:Iva.**
**Pros:U kont taf li kienu se joqtluha?**
**Xhud: Le ma kontx naf.**
**Pros:Mela ghalfejn ghidtilhom 'Hudulha li ghandha imma toqtluhiex'?**
**Xhud: 'Hudulha li ghandha imma toqtluhiex', ghidtilhom jien.**
**….**
**Pros:Iz-zija li kont tant thobbha ma mortx izzommhom milli jaghmlulha xi haga? Hekk, hallejthom jaghmlulha hekk allura int?**
**Xhud: Mela jien niflah ghal dawk it-tnejn?"**

**18.** Mix-xiehda ta' l-appellant din il-Qorti hi sodisfatta li l-gurati setghu fl-ewwel lok jikkonkludu li l-appellant kien hati wkoll tal-kwalifika li s-serq sar bis-sekwestru tal-persuna. Fil-fatt jirrizulta mhux biss li kien gie deciz li s-serq ma kellux isir f'xi waqt li Elizabeth Cauchi ma tkunx id-dar izda li sahansitra kellhom jidhlu fuqha hekk kif hi tasal id-dar. Inoltre l-appellant ammetta li kien jaf li riedu jzommuha u jorbtuha. Allura, a tenur tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 45 tal-Kap. 9, l-addebitu kontra tieghu tal-kwalifika ta' sekwestru tal-persuna hi gustifikata.

**19.** Dwar il-kwalifika ta’ vjolenza, l-appellant jghid li fl-ewwel lok irid jigi ppruvat minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni illi min ikkommetta l-att fiziku li wassal ghal ksur tal-kustilji ta’ Elizabeth Cauchi kellu almenu l-intenzjoni generika li ried jikkagunalha hsara fil-persuna taghha u mhux li biss jorbotha. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan jirrizulta abbondantement mill-mod kif l-appellant iddeskriva l-vjolenza li ntuzat fuq Elizabeth Cauchi. Barra minn hekk l-appellant ma qalx biss li wiehed mill-perpetraturi qaghad gharkubbtejh fuq Elizabeth Cauchi meta din kienet mimduda ma’ l-art izda qal ukoll li bdew ituha fuq il-kustilji. Fil-fatt mir-rapport nekrologiku jirrizulta li diversi kustilji kienu miksura u wahda minnhom (it-tmien kustilja) ipperforat il-*parietal pleura*. Il-kawza tal-mewt giet indikata bhala “ASPHYXIA. PRESSURE ON THE CHEST - FRACTURES OF THE LEFT SIDED RIBS.” Fir-rapport tinghata din id-deskrizzjoni dwar l-imsemmijin fratturi: “Multiple rib fractures were found – the serial ones involved the $4^{th}$ to the $6^{th}$ one on the L side and they were in the mid axillary line. The $8^{th}$ and the $9^{th}$ to $12^{th}$ ribs were also broken, the $9^{th}$ one in the paravertebral line. The parietal pleura was perforated by that broken rib in the $8^{th}$ intercostal space. There were further haemhorrages present in the intercostal spaces on the same L side, namely between the $11^{th}$ and the $12^{th}$ ribs. On the R side, there were haemhorrages in the $7^{th}$ and the $8^{th}$ intercostal space, mainly in the former one.”

**20.** Meta Dr. Sarfraz Ali kien qieghed jixhed waqt l-Istruttorja[1] qal li x’aktarx xi hadd applika pressjoni fuqha meta kienet ma’ l-art. Meta xehed waqt il-guri effettivament qal li pressjoni fuq is-sider twassal ghall-asfissija u li l-pressjoni fuq is-sider ikkawzat il-ksur tal-kustilji. Ma qalx kif dik il-pressjoni saret. L-appellant ma qalx kif kienu gharkubtejhom fuq il-vittma. Li huwa fatt hu li l-vittma ntrabtet b’idejha wara daharha.

**21.** U Dr. Rodovan Nemecek meta kien qieghed jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja u semma li l-kawza tal-mewt

[1] Fol. 887 ta’ l-atti ta’ l-Istruttorja.

kienet *asphyxia*, spjega[2] li *"most of the ribs on the left side were broken. And it is that she was lying face down. It is very difficult to breathe when you have the broken ribs and especially in this position which is not naturally you know lying down. It is very bad. We do not know if there was any blocking her nose or blocking her mouth".*

Imbaghad mill-istess rapport, kif ukoll mir-rapport ta' l-espert medikolegali Dr. Mario Scerri, jirrizulta li Elizabeth Cauchi kellha wkoll *"black L eye"* kompatibbli ma' *"blunt trauma"*, widintha tax-xellug minfuha, demm hiereg minn imnehirha, tbengil fuq daharha u fuq idejha kif ukoll zewg *"haemorrhagic bruises"* fuq il-warrani, kull wahda minnhom *"surrounded by abrasions"*. Jigifieri r-rizultanzi medici jikkorroboraw id-deskrizzjoni li ta l-appellant tal-vjolenza uzata fuq Elizabeth Cauchi.

**22.** Barra minn hekk, mill-mod kif instabet wiccha 'l isfel ma' l-art – kif jidher anke mir-ritratti – Elizabeth Cauchi kellha wiccha u allura imnehirha prattikament imdeffes gol-*cushion* li tqieghed tahtha.

Ma tistax lanqas din il-Qorti ma ssemmix illi, filwaqt li l-appellant kien qieghed il-hin kollu jixhed dwar x'ghamel haddiehor, meta kien qieghed jixhed dwar il-*cushion* u dwar kif Ghawdex *"taht"* ifisser *"fuq"*, qal testwalment: "Ghamiltilha, ghamilnilha, ghamlulha rasha taht il-*cushion*" (Freudian slip?)

**23.** Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk il-prosekuzzjoni pproduciet bizzejjed provi li juru l-volontarjeta` ta' l-offizi li garrbet Elizabeth Cauchi u n-nonkuranza grassa ghall-effetti li tali offizi setghu jipproducu.

**24.** Fit-tieni lok, jghid l-appellant, a tenur tal-art. 45 tal-Kodici Kriminali, il-gurati riedu jkunu moralment konvinti fuq il-provi illi jew (a) li hu, waqt li kellu almenu l-intenzjoni generika li jikkaguna hsara fil-gisem ta' Cauchi kien il-persuna li fizikament ikkaguna l-hsara fuq il-persuna ta' Elizabeth Cauchi jew li kien fizikament kompartecipi f'dan

[2] Fol. 914 *ibidem*.

l-att; jew (b) li hu kien jaf minn qabel li ser isir, minn komplici iehor fid-delitt tas-serq, att akkumpanjat almenu mill-intenzjoni generika biex tigi kkagunata hsara fil-persuna ta' Cauchi u dan minn qabel ma sar l-att; jew inkella (c) li hu, ghad li kien jaf bl-att li kien akkumpanjat almenu bl-intenzjoni generika biex issir hsara fuq il-persuna ta' Cauchi filwaqt li kien qed isir dan l-att, u ghad li seta' jimpedih, hallieh isir.

**25.** Issa, huwa minnu li l-appellant hin minnhom ammetta li kien hu li ghamel kollox, wahdu. Inoltre kien hemm dak l-incident meta rritorna lura Ghawdex wara li gie rilaxxjat mill-arrest, u hekk kif nizel minn fuq il-vapur mar jigri lejn missieru u qallu "Pa jien qtiltha liz-zija Liza", diskors li waqt il-guri mhux biss ammetta li kien qalu izda wkoll meta mistoqsi jekk kienx gideb lil missieru meta qallu dawk il-kliem, wiegeb skjettament: "Le". In riezami, fuq mistoqsija jekk iridx jispjega xi haga fuq din l-ahhar dikjarazzjoni li kien ghamel, wiegeb. "Le." Imbaghad, meta gie mistoqsi mill-gdid jekk gidibx lil missieru qal li dakinhar ma kienx jaf li kien qed jghidlu hekk ghax kien bil-guh! Nonostante dik li *on the face of it* tidher li hi ammissjoni, il-gurati effettivament ma sabuhx hati ta' omicidju volontarju u l-anqas bhala awtur izda bhala komplici fir-reat ta' serq ikkwalifikat, fost ohrajn, bi vjolenza. Effettivament ma jistax jinghad li hemm evidenza inekwivoka li kien hu direttament responsabbli ghall-mewt taz-zija tieghu. Fl-istess hin, dawn l-incidenti jirrinforzaw il-fehma ta' din il-Qorti li l-partecipazzjoni ta' l-appellant kienet wisq aktar attiva milli qieghed jaghmel tabirruhu li kienet. Pero`, jekk wiehed jiskarta l-applikabilita` tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 45 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija l-fehma ta' din il-Qorti li xorta jistghu jitqiesu applikabbli l-paragrafu (b) u, wisq aktar, il-paragrafu (c) ta' l-imsemmi artikolu 45.

**26.** Bil-fatt li r-*rei* marru armati b'irbit sabiex jorbtu lil Cauchi, huwa evidenti u logiku li dan ghamluh peress illi kienu jafu li Cauchi kienet se tirreagixxi. Inoltre l-appellant kien jaf li kienet se tintuza vjolenza. Difatti ghall-mistoqsija tal-prosekutur waqt il-kontro-ezami "U kont taf li jtuha daqqiet hu?" l-appellant wiegeb fl-affermattiv. Barra minn

hekk, kif diga` gie osservat, huwa ra l-vjolenza li ntuzat fuq iz-zija tieghu u ma ghamel xejn biex jipprova jwaqqafha. Li jghid li hu ma jiflahx ghal dawk it-tnejn ma jfissirx li ma seta' jaghmel xejn biex jipprova jwaqqafhom jew jipperswadihom ma juzawx tali aggressjoni fuqha. Minbarra dan, kien huwa nnifsu li ghazel li jqabbad lil dawn it-talin biex jidhlu mieghu f'din il-grajja. Mix-xiehda dettaljata ta' l-appellant jirrizulta illi huwa kien jaf x'qeghdin jaghmlu d-delinkwenti l-ohra li dahlu mieghu. Rahom jaghtu daqqiet liz-zija tieghu, izommulha halqha b'mod li ma setghetx titniffes. Rahom gharkubbtejhom, almenu wiehed minnhom, fuqha waqt li kienet qed tintrabat. Fl-ebda mument waqt l-interrogazzjonijiet kollha tal-Pulizija u fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti ma qal li qal lil shabu biex ma jweggghux liz-zija tieghu. Kull ma jghid li qalilhom kien biex jisirquha imma ma joqtluhiex. Jigifieri ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-fatt li kienu qeghdin iweggghuha u l-anqas <u>ghall-mod</u> kif kienu qeghdin iweggghu liz-zija tieghu. L-anqas ma jidher li oggezzjona ghall-fatt li zammewlha halqha b'mod li ma setghetx titniffes. Xehed li bdew ituha fuq il-kustilji u go rasha u go wiccha. Kif diga` osservat, ir-rizultanzi medici jikkorroboraw id-deskrizzjoni li ta l-appellant tal-vjolenza uzata fuq Elizabeth Cauchi.

Jghid li haseb li z-zija tieghu kienet ghadha hajja ghax ralha saqajha jiccaqalqu. Pero` ma dehrlux li ghandu jinforma lil xi hadd almenu b'mod anonimu sabiex tkun tista' tinghata attenzjoni medika. Fil-verita` n-nuqqas ta' rimors tieghu johrog car minn dak li ghamel wara d-delitt: mar ghand il-Bahri, fejn kien ukoll jixrob u jdoqq qabel id-delitt (hanut li jinfetah ghall-karnival – ara xiehda John Hili a fol. 976 ta' l-atti ta' l-istruttorja) u fejn baqa' sa wara s-siegha.

**27.** Dan kollu jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi ghalkemm l-appellant ma riedx il-mewt taz-zija tieghu huwa halla l-aggressjoni fuqha ssir. Konsegwentement il-gurati setghu wkoll legalment u ragjonevolment jikkonkludu li l-kwalifika ta' vjolenza kienet ukoll applikabbli; u din il-Qorti taqbel pjenament maghhom anke jekk, skond il-gurisprudenza kemm taghna kif ukoll dik

Ingliza, huwa bizzejjed li din il-Qorti tikkonkludi li l-gurati, kif inghad, setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha.

**28.** L-appellant jilmenta wkoll illi ma kellux jinstab hati tal-kwalifika ta' l-ammont ossia valur. Jghid li tezisti prova li meta Elizabeth Cauchi giet mitluba tghid fejn kienu l-flus, ir-risposta taghha kienet li flus ma kellhiex. Hemm prova li wara li gie kommess d-delitt ta' serq, fid-dar instab xi deheb mill-espert tal-Qorti. Jghid li hemm prova li fost id-deheb li nstab mill-esperti tal-Qorti wara d-delitt ma kienx hemm xi deheb li seta' kellha Cauchi matul iz-zmien. Imma bil-fatt li wara d-delitt ma nstabx xi deheb li seta' kellha Cauchi u flus fid-dar ta' Cauchi la jfisser (dejjem skond l-appellant) li filwaqt il-hin tad-delitt fid-dar ta' Cauchi kien hemm xi deheb iehor jew flus li nsterqu u lanqas ma jfisser li fid-dar ta' Cauchi m'ghadx hemm xi deheb u flus li Cauchi seta' kellha izda li ma nstabux mill-esperti tal-Qorti. L-appellant jghid ukoll illi tezisti prova li z-zewg delinkwenti l-ohra (u mhux l-appellant) hargu mill-post b'zewg basktijiet kull wiehed u li *choker* li kellha l-mejta f'ghonqha sparixxa. L-appellant josserva li z-zewg delinkwenti kellhom maskra kull wiehed u l-ebda wahda minnhom ma nstabet fid-dar ta' Cauchi. Jghid li hu probabbli li dawk li kellhom il-maskra nehhewha qabel ma hargu mid-dar. Bernardette Grima ma ssemmi l-ebda maskra li setghu kienu lebsin dawk it-tnejn li rat sejrin jigru. Kull ma rat kienu zewg basktijiet f'idejn kull wiehed minn dawk it-tnejn u li wiehed minnhom kellu xaghru abjad; imma kemm kienu kbar il-basktijiet ma qalitx. Ghalhekk l-appellant isostni illi l-gurati ma kellhomx elementi bizzejjed biex jaslu ghall-konkluzjoni sal-grad li tesigi l-ligi li kienet tirrizulta l-aggravanti tal-valur ta' aktar minn Lm1000.

**29.** Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tibda biex tghid li huwa minnu li l-appellant xehed li meta Cauchi bdiet tigi mitluba l-flus, hija bdiet tghid li m'ghandhiex flus. Dan ma jfissirx necessarjament, pero`, illi ma kellhiex flus id-dar izda hija reazzjoni normali ta' min isib ruhu f'sitwazzjoni bhalma sabet ruhha Elizabeth Cauchi sabiex tehles mill-hallelin. L-appellant qal specifikatament li s-serq sar

“ghall-flus”. Huwa kien iddispjacut ghax kienet weghditu Lm5,000 u qatt ma tathomlu. F’ebda waqt ma indika li z-zija tieghu ma kellhiex dan it-tip ta’ flus. Sahansitra xehed li sema’ li ghandha Lm20,000 jew Lm25,000. L-atteggjament kollu tieghu kien ta’ wiehed li jaf li kellha ammont ta’ flus id-dar.

**30.** Dwar dak li rat jew ma ratx Bernardette Grima, l-appellant donnu jrid jinsinwa li fil-basktijiet kien hemm il-maskri tad-delinkwenti. L-ewwelnett m’hemm l-ebda prova li l-ohrajn nezghu l-maskri qabel ma hargu. Izda anki jekk kienu nezghuhom u tefghuhom fil-basktijiet, huma kellhom zewg basktijiet kull wiehed u certament maskra mhix se tiehu hafna spazju. Imbaghad dak li tghid Bernardette Grima hu li ma tahsibx li kellhom maskra li tidhol gor-ras u jekk kellhomx wahda quddiem ma tafx. Pero` tghid ukoll li kien “hafna hafna dlam”. Interessanti hu li Bernardette Grima tghid li wiehed minnhom rat li kellu “tikka x-xaghar abjad”. Ta’ min josserva illi fix-xiehda tieghu l-appellant jghid li l-maskra tal-kukkudrill kellha xaghar abjad.

**31.** Imbaghad l-appellant stess jghid illi saret il-prova li kien hemm deheb li ma nstabx wara d-delitt. Dan il-fatt, flimkien mal-fatt li d-delinkwenti ma hargux mir-residenza tal-vittma idhom f’idhom, anzi kellhom zewg basktijiet kull wiehed, iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li anke hawn l-appellant m’ghandux ragun, u li l-gurati kellhom bizzejjed provi biex jikkonkludu li tirrizulta wkoll il-kwalifika tal-valur ta’ aktar minn elf lira

**32.** Nigu issa ghat-tieni aggravu. It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena nflitta. L-appellant jghid fl-ewwel lok illi filwaqt li l-artikolu 272 tal-Kodici Kriminali jistabbilixxi l-piena tal-prigunerija ghall-ghomor fil-kaz ta’ serq aggravat bil-vjolenza konsistenti fl-omicidju volontarju u filwaqt li l-artikolu 274 tal-Kodici Kriminali jistabilixxi pieni differenti fil-kaz ta’ serq aggravat bil-vjolenza konsistenti f’offiza fuq il-persuna, u dan skond it-tip ta’ offiza fuq il-persuna li tkun giet kommessa, il-ligi ma tistabilixxi l-ebda piena ghal serq aggravat bil-vjolenza konsistenti f’offiza gravi fuq il-persuna li biha tkun grat il-mewt. Skond l-appellant f’din is-sitwazzjoni japplika l-principju *nullum crimen sine poena*

(proprjament *nulla poena sine lege*). U anke jekk wiehed jargumenta illi l-*piu` comprende il meno*, u allura hu applikabbli ghall-kaz l-artikolu 274 tal-Kodici Kriminali, certament l-artikolu 220 tal-Kodici Kriminali mhux applikabbli peress illi huwa ma giex misjub hati tad-delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna segwita bil-mewt imma bhala komplici fid-delitt ta' serq aggravat ossia kwalifikat bil-vjolenza konsistenti f'offiza gravi segwita bil-mewt.

**33.** Issa, fil-verita`, l-appellant mhux jafferra l-vera portata guridika ta' sejbien ta' htija ta' serq meta dan ikun kwalifikat b'offiza gravi segwita bil-mewt. U anke l-ewwel Qorti jidher li giet zgwidata f'dan ir-rigward. Tali sejbien ta' htija ma jfisser xejn ghajr li dik il-persuna tkun qed tinstab hatja tar-reat ta' serq u tar-reat ta' offiza gravi segwita bil-mewt (dan it-tieni reat fit-termini tal-Artikolu 220 u skond id-diversi modalitajiet hemm imsemmija). Fin-nuqqas ta' disposizzjoni specifika dwar piena fil-kaz ta' zewg reati li jkunu jakkumpanjaw wiehed lill-iehor, tapplika l-ligi generali, u cioe` li ghandha tinghata l-piena ghas-serq (bil-kwalifiki l-ohra eccetto dik ta' offiza gravi segwita bil-mewt) u l-piena ghar-reat ta' offiza gravi segwita bil-mewt. F'dan il-kaz il-paragrafu (h) tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9 ma japplikax u dan ghar-raguni li dawn iz-zewg delitti jaghmlu delitt ikkwalifikat (ara l-Artikolu 261), u ghalhekk ikun applikabbli l-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 17. Skond dan il-paragrafu (b) tal-Artikolu 17 f'sitwazzjoni simili tinghata l-piena tad-delitt l-aktar gravi (li fil-kaz in dizamina hija l-piena ghar-reat ta' offiza gravi segwita bil-mewt skond l-Artikolu 220(1)(a) tal-Kap. 9) biz-zieda minn terz san-nofs tal-piena ghar-reat l-iehor (f'dan il-kaz is-serq bil-kwalifiki l-ohra minbarra dik ta' offiza gravi segwita bil-mewt). Huwa evidenti, ghalhekk, li l-piena erogata ta' ghoxrin sena kienet mhux biss tinkwadra perfettament fil-parametri tal-ligi, izda kienet ukoll skond il-ligi u cioe` l-ligi generali ta' meta ghandek reat li jsir "flimkien ma'" reat iehor. Ghal dawn ir-ragunijiet, u mhux ghar-ragunijiet migjuba fis-sentenza appellata, dan l-ewwel ilment hu infondat u qed jigi respint.

**34.** L-appellant ikompli jghid illi fi kwalsiasi kaz il-piena nflitta, li tammonta ghall-massimu imsemmi fl-artikolu 220,

hi wahda eccessiva tenut kont tas-segwenti cirkostanzi: (i) huwa gie misjub hati ta' komplicita` fid-delitt ta' serq u ghalhekk wiehed ghandu ghax jahseb illi fil-kumpless tal-provi l-gurati kienu tal-fehma li l-aggravanti gew ikkomunikati lilu minhabba li ma waqqafx xi haga li kienet qed issir minn haddiehor. Fil-fatt, ikompli jghid l-appellant, anke jekk ghall-grazzja tal-argument huwa teknikament hati tieghu, dan il-fatt certament ma kienx wiehed gravi ghalih ghax meta xi hadd joqghod gharkubbtejh fuq sider xi haddiehor ma jfissirx awtomatikament li dak li jkun ikollu almenu l-intenzjoni generika li jrid jaghmel hsara fil-persuna ta' haddiehor. Hawnhekk wiehed irid jiftakar, jghid l-appellant, illi hu persuna li giet deskritta mill-esperti tal-Qorti li ghandu *a low IQ*; (ii) kellu fedina penali nettissima; (iii) minn ftit wara li gara dan il-kaz, huwa waqa' f'*reactive depression* u ghadu jigi kkurat ghaliha b'diversi pilloli ta' kuljum; (iv) meta nghata l-liberta` provvizorja, wahda mill-kundizzjonijiet kienet li ma setax johrog mid-dar fejn jirrisjedi. Ghalkemm din ma tammontax ghal prigunerija fil-veru sens tal-kelma, xorta tammonta ghal restrizzjoni tal-liberta`.

**35.** Dwar l-ewwel punt imsemmi mill-appellant, din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal qabel dwar is-sehem ta' l-appellant. Imbaghad anke jekk stess ghandu *low IQ* dan ma jrendihx inkapaci li jirraguna. Skond ir-rapport ipprezentat minn Dr Ethel Felice li kienet giet nominata mill-Magistrat Inkwirenti sabiex tinvizta lill-appellant u tezaminah u tirrelata dwar l-istat ta' sahha tieghu[3]: "L-intelligenza tieghu tista' titqies bhala normali, imma n-naha t'isfel ta' l-iskala ta' normalita`, tant li l-genituri tieghu stess jirreferu ghalih bhala 'fidil'." L-appellant kien gie ezaminat ukoll mill-espert psikjatriku Dr. Joseph Vella Baldacchino[4] li, fir-rapport tieghu, qal: "Minkejja li l-kapacita` intellettiva tieghu hija limitata u akademikament huwa batut ghax la jaf jaqra u lanqas jikteb, huwa xorta bniedem zaghzugh li kapaci jirrelata ma' nies u jaghmel affarijiet li jaghmlu nies ta' l-eta` tieghu, jigifieri jahdem, isuq karozza u ilu mat-tfajla 'l fuq minn sena. Il-gudizzju

[3] Fol. 250 u fol. 357 - 363 u 1011 – 1019 ta' l-atti ta' l-Istruttorja.
[4] Digriet tal-Qorti Istruttorja ta' l-20 ta' Awissu 2004.

tieghu jidher intatt u per ezempju, huwa stqarr li meta jkun irid oggett, ikun iridu u jiffissa fuqu, pero` jekk xi haga jithajjar ghaliha bhal per ezempju karozza sabiha li tkun tiswa hafna flus, huwa xorta ma kienx jidhol ghal dak il-piz u kien allura jghaddi minghajrha.” Huwa mbaghad ikkonkluda: “Minkejja illi huwa mhuwiex ta’ xi intelligenza brillanti, il-fakulta` tal-gudizzju tieghu hija intatta u l-kapacita` li jiehu hsieb tieghu nnifsu qieghda hemmhekk.”

**36.** Dwar il-fedina penali, huwa minnu li l-fedina penali kienet u ghadha (hlief ghall-kaz odjern) nettissima. Dan il-fattur kien certament a konoxxenza ta’ l-ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-piena, u minkejja dan dehrilha li l-piena li kellha teroga kellha tkun wahda li kellha tqis ukoll il-hruxija tal-ghamil u c-cirkostanzi li tahthom sehh.

**37.** Dwar il-fatt li l-appellant waqa’ f’*reactive depression*, bhalma osservat l-ewwel Qorti, mhix xi haga insolita li persuna li kontra taghha hemm proceduri kriminali jkollha *reactive depression*. Dan ma jistax jitqies bhala xi attenwant. Ghal kondizzjoni bhal dik, il-persuna koncernata tista’ tinghata l-kura anke meta tkun taht il-gurisdizzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin.

**38.** L-ahhar punt sollevat mill-appellant jirrigwarda l-fatt li dam zmien taht kundizzjoni li ma setax johrog mid-dar meta nghata l-helsien mill-arrest. Hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li hija qalet fis-sentezna moghtija fl-4 ta’ Ottubru 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Walter John Cassar**:

**“L-arrest preventiv jitnaqqas mis-sentenza ta’ prigunerija – qabel kienet fakoltattiva ghall-Qorti, illum, wara l-emenda introdotta fl-2002, tali tnaqqis huwa awtomatiku u ma hemmx ghalfejn li l-Qorti toqghod tippronunzja ruhha dwaru – in virtu` ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 22 tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jitkellem kjarament dwar *“…kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta’ htija li tulu l-ikkundannat ikun inzamm <u>fil-habs</u> ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kundannat…”* (sottolinear ta’ din il-Qorti). Fil-kaz ta’ l-**

**appellant, wara li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni, fost ohrajn, li jibqa' jirrisjedi d-dar u ma johrogx hlief ghal certi skopijiet ristretti, hu certament ma baqax mizmum il-habs. L-hekk imsejjah "house arrest" ma hu xejn ghajr kondizzjoni, li l-imputat jew akkuzat jaccetta li joqghod ghaliha, li tirrestringi, iva, il-movimenti tieghu -- bhalma jigri fil-kaz tal-hinijiet tar-rinkazar -- izda ma hix arrest f'post ta' detenzjoni skond il-ligi. Tali "house arrest" jista' koncepibbilment jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' disposizzjonijiet ohra ta' ligi – ad ezempju, id-dewmien fil-proceduri – izda certament ma jistax jitnaqqas taht l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali."**

Ghalhekk l-aggravju dwar il-piena qieghed jigi michud.

**39.** L-ahhar ilment ta' l-appellant hu li ghalkemm mill-provi jirrizulta li kien hemm tliet partecipanti, l-ewwel Qorti kkundannatu ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha tal-perizji li saru b'konnessjoni ma' dan il-kaz, u dan hu eccessiv.

Jekk verament kienu tlieta, iz-zewg *rei* l-ohra mhumiex maghrufa b'rieda u b'ghazla ta' l-appellant innifsu, li ma riedx assolutament jghid min kienu. Ma jistax issa jippretendi li jibbenefika minn apporzjonar ta' l-ispejjez meta l-proceduri kollha saru kontra persuna wahda, cioe` kontra l-appellant. B'hekk anke dan l-aggravju qieghed jigi respint.

**40.** Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------